**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

Illum, 28 ta' Novembru 2023

Każ Numru: 903/2023

**IR-REPUBBLIKA TA' MALTA**
**vs**
**George Muscat**
(Detentur tal-karta tal-identità bin-numru 0096379M)

**Il-Qorti:**

Wara li rat li **George Muscat** ta' erbgħa w erbgħin (44) sena, iben Martin Muscat u Mary Muscat xebba Mizzi, imwieled il-Pietà, Malta nhar it-tnax (12) ta' Frar tas-sena elf disgħa mija disgħa u sebgħin (1979), residenti f 9, 8th May, F11, Triq L. Zamenhof, Msida, Malta u detentur tal-karta tal-identità Maltija 0096379M, ġie akkużat f'isem ir-Repubblika ta' Malta talli, matul is-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) u fis-snin ta' qabel, ġewwa dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-Liġi u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

"1. Bhala tester ma' VC Service Station u/jew bhala ufficjal pubbliku u/jew impjegat li kien qed jahdem fil-kapacita' ta' tester ghal persuna guridika cioe VC Service Station fis-settur privat xjentement matul l-attivitajiet kummercjali, in konnessjoni mal kariga jew impjieg tieghu, talab, irceva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew

weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utili iehor, jew ta' vantagg iehor, li ghalihom hu ma kellux jedd, u barra milli accetta l-hlas, il-weghda jew l-offerta, dan l-istess ufficjal jew impjegat fil-fatt naqas li jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel;
*Artikoli* 18 *u* 115 *(c),* 121 (1) *u* (3) *tal-Kapitolu* 9 *tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. Talli fl-istess lok, zmien u cirkostanzi bhala ufficjal jew impjegat pubbliku u/jew bhala impjegat mas-settur privat illi, minhabba l-kariga jew l-impjieg tieghu, kien fid-dmir li jaghmel jew jaghti dikjarazzjoni jew certifikat, ghamel jew ta dikjarazzjoni falza jew certifikat falz;
*Artikoli* 18, 185(1) *u* (2) *tal-Kapitolu* 9 *tal-LiiiJiet ta' Malta;*

3. Talli fl-istess lok, zmien u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokumenti mahsub għal xi awtorita pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, u ta taghrif falz;
*Artikoli* 18, *u* 188 *tal-Kapitolu* 9 *tal-Ligj;iet ta' Malta;*

4. Talli fl-istess lok, zmien u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerg iehor, ingann, jew billi ura haga b'ohra sabiex gieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex qanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, għamel qliegh b'gerg bi hsara ta' haddiehor u cioe' ghad-detriment tal-Awtorita tat-Trasport f'Malta, u/jew il-Gvern ta' Malta, u/jew entitajiet ohra liema qliegh jammonta għal aktar minn ħames mitt Ewro (€500.00) izda mhux aktar minn hamest elef Ewro (€5,000.00);
*Artikoli* 18, *308 u 310(1)(b) tal-Kapitolu* 9 *tal-Ligijiet ta' Malta;"*

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skont l-Artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-ewwel dehra tal-lum wara li l-uffiċjal prosekutur qara u kkonferma l-akkużi bil-ġurament, u sar l-eżami tal-akkużat, bla theddid, bla twegħid u bla ġurament, huwa wieġeb ħati tal-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu.

Rat li l-Qorti spjegat il-portata tal-ammissjoni tal-akkużi lill-istess akkużat. Spjegat ukoll lill-akkużat il-possibbli sentenza li tista' tingħata fiċ-ċirkostanzi. Tagħat ukoll żmien lill-akkużat biex jerġa jikkonsulta mal-avukat tiegħu, u tagħtu ukoll żmien biex jerġa jikkonsidra l-ammissjoni tiegħu u għal dan il-għan issospendiet il-kawża.

Rat li meta reġgħet issejħet il-kawża il-Qorti reġgħet staqsiet lill-akkużat jekk hux qed jikkonferma l-ammissjoni tiegħu, u huwa wieġeb fl-affermattiv.

Rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti esebiti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet dwar il-piena.

## A. Ikkunsidrat

Fl-isfond ta' l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti ma għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu.

## B. Konsiderazzjonijiet dwar il-Piena

Għall-fini tal-piena l-Qorti kkunsidrat l-ammissjoni bikrija tal-imputat, l-fatt li huwa kkopera bis-sħiħ mal-pulizija, li l-fedina penali għalkemm mhix netta ma fijhiex kundanni allarmanti, u għaldaqstant din il-Qorti hi tal-fehma li sentenza karċerarja effettiva ma jkolliex l-effetti mixtieqa fir-rigward tal-bilanċ bejn l-interessi tas-soċjetà u tar-riforma tal-ħati, u mhix se teroga piena karċerarja effettiva.

## C. Konklużjoni

Għal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 115(ċ), 121(1)(3), 185(1)(2), 188, 308, u 310(1)(b) tikkonferma l-ħtija ta' George Muscat detentur tal-karta tal-identità 0096379M u tikkundannah għal piena ta' sentejn (2) priġunerija, u wara li rat l-artikolu 28A tal-Kapitolu

9 tal-Liġijiet ta’ Malta, tordna li l-imputat jiġi ttrattat permezz ta’ sentenza sospiża, b’ dan illi s-sentenza inflitta ma għandiex tibda sseħħ ħlief jekk, waqt il-perjodu ta’ erba’ (4) snin li jibda jgħodd mid-data ta’ din l-ordni, l-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta’ priġunerija, u wara dan qorti kompetenti tordna bis-saħħa tal-artikolu 28B tal- Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta li s-sentenza oriġinali għandha tibda sseħħ.

Il-Qorti spjegat bi kliem sempliċi, ċar u li jinftiehem skond l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ir-responsabbiltà tiegħu taħt l-artikoli 28A tal-istess Kapitolu 9;

Il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba kkontemplata abbażi tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta peress li mill-atti proċesswali ma jirriżultax li nħatru xi esperti jew periti.

**Dr Kevan Azzopardi**
**Maġistrat**

**Josanne Gauci**
**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

**--------------------------------TMIEM--------------------------------**